# INVESTIGAZZJONI TAS-SWIEQ MIL-LENTI TAL-KONSUMATUR



Il-Kummissjoni Ewropea qed tieħu l-interessi tal-konsumatur bis-serjetà. Ftit tax-xhur ilu, rajna l-introduzzjoni ta' l-Ewrotariffa għal telefonati minn fuq it-telefon ċellulari li jsiru minn barra l-pajjiż, wara li l-Kummissjoni sabet li l-prezzijiet kienu għoljin b'mod esaġerat.

Id-direttiva ta' l-Unjoni Ewropea (UE) dwar prattiċi kummerċjali inġusti, li issa għaddiet ukoll mill-Parlament Malti, tara li negozjanti ma jqarrqux u lanqas, biex ngħidu hekk, jiffittaw lill-konsumaturi meta jbiegħu l-prodotti tagħhom.

Fid-dokumenti dwar ir-reviżjoni tas-Suq Intern ta' l-Unjoni Ewropea, tħabbru diversi miżuri li se jittieħdu favur il-konsumatur. Waħda minnhom hi mekkaniżmu li janalizza kif qed jitħaddem is-suq mill-perspettiva tal-konsumatur. Il-Kummissjoni se tistudja kull suq fl-Istati Membri ta' l-UE permezz ta' ħames fatturi – il-prezzijiet, l-ilmenti li jsiru, ir-rati li japplikaw meta wieħed ibiddel lil min joffrilu s-servizz jew prodott, il-livell ta' sodisfazzjon u n-nuqqas ta' periklu fil-prodott għax-xerrej.

Jidher li diġà hemm sitwazzjonijiet li jimmeritaw iktar attenzjoni. Per eżempju, il-Kummissjoni Ewropea għandha informazzjoni li turi li l-prezz ta' kamera diġitali tar-ritratti jista' jvarja sa 30% bejn pajjiżi qrib xulxin, jew li miżati relatati ma' kontijiet bankarji jvarjaw minn xejn għal €80.

Għalfejn qiegħed iseħħ dan? Meta l-Kummissjoni tara li jista' jkun il-każ li s-suq mhux qiegħed jaħdem sew, tista' tieħu l-pass li jmiss – investigazzjoni u, jekk hemm bżonn, miżuri korrettivi. Azzjoni fuq livell Ewropew, dejjem bil-kollaborazzjoni ta' l-entitajiet nazzjonali, tista' tkun produttiva minn dan l-aspett.

Ma jfissirx li m'hemmx problemi li jistgħu jaffetwaw din il-ħidma. Għadu diffiċli biex tqabbel l-informazzjoni dwar il-konsumatur, peress li hemm diversi sistemi ta' kif din tiġi miġbura u li jistgħu jvarjaw minn pajjiż għall-ieħor. Għalhekk, matul din is-sena, ser jitnieda proċess sabiex tiġi żviluppata klassifikazzjoni li tista' tintuża madwar l-Unjoni kollha. In-numru ta' setturi koperti mill-eżerċizzju, li bħalissa huma 20, mistenni jiżdied.

Passi bħal dawn, flimkien mal-liġijiet u l-istrutturi eżistenti, għandhom ikomplu jsaħħu l-interessi tal-konsumatur fil-kuntest tas-suq intern Ewropew.



***Minn Julian Micallef***
*Forum Malta fl-Ewropa*

FORUM MALTA FL-EWROPA

*Indirizz: 280, Triq ir-Repubbklika, il-Belt Valletta VLT1112*
*Telefon: 2590 9101*
*e-mail: foruminfo@gov.mt*